SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla)

11 ta' Ottubru 2007 *

Fil-Kawża C-117/06,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skond l-Artikolu 234 KE, imressqa mill-Kammergericht Berlin (il-Ġermanja), permezz ta' deċiżjoni tal-21 ta' Frar 2006, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Marzu 2006, fil-proċedura mressqa minn

Gerda Möllendorf,

Christiane Möllendorf-Niehuus,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tieni Awla),

komposta minn C. W. A. Timmermans (Relatur), President ta' l-Awla, L. Bay Larsen, K. Schiemann, P. Kūris u J.-C. Bonichot, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: P. Mengozzi,
Reġistratur: J. Swedenborg, Amministratur,

* Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż.

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-8 ta' Marzu 2007,

wara li kkunsidrat is-sottomissjonijiet ippreżentati:

— għal G. Möllendorf u C. Möllendorf-Niehuus, minn K. Alich, Notar,

— għall-Gvern Ġermaniż, minn C. Schulze-Bahr, kif ukoll minn M. Lumma u A. Dittrich, bħala aġenti,

— għall-Gvern Taljan, minn I. M. Braguglia, bħala aġent, assistit minn G. Aiello, avvocato dello Stato,

— għall-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, minn F. Hoffmeister u A. Manville, bħala aġenti,

wara li semgħet il-konklużjonijiet ta' l-Avukat Ġenerali, ippreżentati fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2007,

tagħti l-preżenti

Sentenza

1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni ta' l-Artikolu 2(3) u l-Artikolu 4(1) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002,

li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001, li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerta merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban ta' l-Afganistan (ĠU L 139, p. 9), kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 561/2003, tas-27 ta' Marzu 2003 (ĠU L 82, p. 1, iktar 'il quddiem ir-"Regolament Nru 881/2002").

2 Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' rikors imressaq minn G. Möllendorf u C. Möllendorf-Niehuus (iktar 'il quddiem il-"bejjiegħa") kontra deċiżjoni tal-Grundbuchamt (l-uffiċċju tar-reġistru ta' l-artijiet) li jirrifjuta t-talba tagħhom ta' reġistrazzjoni fir-reġistru ta' l-artijiet tat-trasferiment ta' immobbli fi twettiq ta' att notarili ta' bejgħ.

Il-kuntest ġuridiku

Ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti

3 Fis-16 ta' Jannar 2002 il-Kunsill tas-Sigurtà tan-Nazzjonijiet Uniti (iktar 'il quddiem il-"Kunsill tas-Sigurtà") adotta r-Riżoluzzjoni Nru 1390 (2002) li stabbilixxiet xi miżuri li għandhom jiġu adottati mill-Istati fil-konfront ta' Usama bin Laden, tal-membri ta' l-organizzazzjoni Al-Qaida u tat-Taliban u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom, li jirriżultaw inklużi fil-lista stabbilita skond ir-Riżoluzzjonijiet Nri 1267 (1999) u 1333 (2000) ta' dan il-Kunsill.

4 Skond il-paragrafu 2(a) tar-Riżoluzzjoni Nru 1390 (2002):

> Il-Kunsill tas-Sigurtà "*[d]deċida* li l-Istati għandhom jadottaw il-miżuri li ġejjin iktar 'il quddiem fil-konfront ta' Usama bin Laden, tal-membri ta' l-organizzazzjoni Al-Qaida kif ukoll tat-Taliban u persuni, gruppi, impriżi u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom, li jirriżultaw inklużi fil-lista maħluqa skond ir-Riżoluzzjonijiet Nri 1267 (1999) u 1333 (2000), li għandha tkun aġġornata regolarment mill-Kumitat imwaqqaf skond il-paragrafu 6 tar-Riżoluzzjoni 1267 (1999), iktar 'il quddiem il-'[kumitat għas-sanzjonijiet]':
>
> a) Jiffriżaw mingħajr dewmien il-fondi u l-attivitajiet finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi l-oħrajn ta' dawn il-persuni, gruppi, impriżi u entitajiet, inkluż il-fondi li jiġu minn beni li għandhom fil-pussess jew jikkontrollaw, b'mod dirett jew indirett, l-istess persuni jew persuni li jaġixxu f'isimhom jew fuq ordni tagħhom, u jiġi żgurat li la dawn il-fondi u lanqas fondi, attivitajiet finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi oħrajn ma jsiru disponibbli, direttament jew indirettament, b'vantaġġ għal dawn l-individwi miċ-ċittadini tagħhom jew minn kull persuna oħra li tinsab fit-territorju tagħhom".

5 Fl-20 ta' Diċembru 2002, il-Kunsill tas-Sigurtà adotta r-Riżoluzzjoni Nru 1452 (2002) intiża li tiffaċilita r-rispett ta' l-obbligi fil-qasam tal-ġlieda kontra t-terroriżmu. Il-paragrafu 1 ta' din ir-riżoluzzjoni jipprevedi ċertu numru ta' derogi u ta' eċċezzjonijiet għall-iffriżar ta' fondi u ta' riżorsi ekonomiċi imposti mir-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999), 1333 (2000) u 1390 (2002), li jistgħu jingħataw għal motivi umanitarji mill-Istati, bir-riżerva ta' awtorizzazzjoni mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet.

6 Il-paragrafu 2 tar-Riżoluzzjoni Nru 1452 (2002) jiddisponi:

Il-Kunsill tas-Sigurtà "*[i]ddeċieda* li l-Istati kollha setgħu jippermettu li jiżdied fuq kontijiet suġġetti għad-dispożizzjonijiet skond il-paragrafu 4(b), tar-Riżoluzzjoni Nru 1267 (1999) u dawk tal-paragrafu 1 u tal-paragrafu 2(a) tar-Riżoluzzjoni Nru 1390 (2002):

a) L-imgħax u somom oħra dovuti skond dawn il-kontijiet; jew

b) Il-ħlasijiet dovuti għal kuntratti, ftehim jew obbligazzjonijiet qabel id-data fejn dawn il-kontijiet ġew suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999), 1333 (2000) jew 1390 (2002),

sakemm dawn l-imgħax, somom jew ħlasijiet jibqgħu suġġetti għal dawn id-dispożizzjonijiet".

7 Fis-6 ta' Lulju 2004, il-Kumitat tas-Sanzjonijiet żied l-isem "Aqeel Abdulaziz Al-Aqil" mal-lista kkonsolidata ta' persuni u entitajiet li l-fondi taghom għandhom jiġu ffriżati skond ir-Riżoluzzjonijiet 1267 (1999) u 1333 (2000).

Il-leġiżlazzjoni ta' l-Unjoni Ewropea u tal-Komunità Ewropea

8 Għall-finijiet ta' l-implementazzjoni tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), fis-27 ta' Mejju 2002, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2002/402/PESK, dwar miżuri restrittivi kontra Usama bin Laden, membri ta' l-organizzazzjoni Al-Qaida u t-Talibani u individwi, gruppi, impriżi u entitajiet [oħrajn] assoċjati magħhom u jħassar il-Po[ż] izzjonijiet Komuni 96/746/PESK, 1999/727/PESK, 2001/154/PESK u 2001/771/PESK (ĠU L 139, p. 4).

9 Hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mir-raba' premessa tiegħu, ir-Regolament Nru 881/2002 ġie adottat sabiex b'mod partikolari tiġi implementata r-Riżoluzzjoni 1390 (2002).

10 L-Artikolu 1 ta' dan ir-Regolament jiddisponi:

"Għall-iskop ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

[...]

2) 'riżorsi ekonomiċi' tfisser assi ta' kull tip, tanġibbli jew intanġibbli, mobbli jew immobbli, li mhumiex fondi imma li jistgħu jintużaw biex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi;

[...]

4) 'friża ta' riżorsi ekonomiċi' tfisser il-prevenzjoni ta' l-użu tagħhom biex jinkisbu fondi, merkanzija jew servizzi f'kull mod, li jinkludu, imma mhux limitati għal, bejgħ, kiri jew ipoteki tagħhom."

11 Skond l-Artikolu 2 tar-Regolament Nru 881/2002:

"1. Il-fondi u r-riżorsi ekonomiċi kollha li huma ta', jew fil-pusses ta', persuna naturali jew ġuridika jew entità nominata mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness I għandhom jiġu ffriżati.

2. L-ebda fond m'għandu jkun disponibbli, direttament jew indirettament, lil, jew għall-benefiċċju ta', persuna naturali jew ġuridika, grupp jew entità nominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness I.

3. L-ebda riżors ekonomiku m'għandu jkun disponibbli, direttament jew indirettament, lil, jew għall-benefiċċju ta', persuna naturali jew ġuridika, grupp jew entità nominati mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness I, biex dik il-persuna, dak il-grupp jew dik l-entità tkun tista' tikseb fondi, merkanzija jew servizzi."

12 L-Artikolu 4(1) ta' dan ir-Regolament jipprovdi:

"Il-parteċipazzjoni, bil-ħsieb u bl-intenzjoni, f'attivitajiet, li l-oġġett jew l-effet tagħhom hu, direttament jew indirettament, li jiġi maħrub l-Artikolu 2 jew li jiġu nkoraġġuti l-operazzjonijiet msejħa fl-Artikolu 3, għandha tkun ipprojbita."

13 L-Artikolu 7(1) tar-Regolament Nru 881/2002 jawtorizza lill-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, b'mod partikolari, "temenda jew iżżid ma' l-Anness I fuq il-bażi tad-determinazzjonijiet magħmula jew mill-Kunsill tas-Sigurtà jew mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet [...]".

14 L-Artikolu 9 ta' l-istess Regolament huwa fformulat kif ġej:

"Dan ir-Regolament għandu japplika minkejja kwalunkwe drittijiet mogħtija jew obbligazzjonijiet imposti permezz ta' ftehim internazzjonali ffirmat jew il-konklużjoni ta' kull kuntratt jew kull liċenza jew permess mogħti qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament."

15 L-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 fih il-"[l]ista ta' persuni, gruppi u entitajiet imniżżla fl-Artikolu 2" ta' dan l-istess Regolament.

16 Peress li qies li azzjoni tal-Komunità sabiex timplementa r-Riżoluzzjoni 1452 (2002) kienet neċessarja, il-Kunsill adotta, fis-27 ta' Frar 2003, il-Pożizzjoni Komuni 2003/140/PESK, dwar l-eċċezzjonijiet għall-miżuri restrittivi imposti mill-Pożizzjoni Komuni 2002/402 (ĠU L 53, p. 62).

17 Ir-raba' premessa tar-Regolament Nru 561/2003 tippreċiża li, fid-dawl tar-Riżoluzzjoni 1452 (2002) hemm bżonn li jiġu aġġustati l-miżuri imposti mill-Komunità.

18 L-Artikolu 2a tar-Regolament Nru 881/2002, li hija dispożizzjoni mdaħħla permezz tar-Regolament Nru 561/2003, jinkludi l-paragrafu 4 li jipprovdi:

"L-Artikolu 2(2) [tar-Regolament Nru 881/2002] m'għandux japplika għaż-żieda ma' kontijiet iffriżati ta':

a) interessi jew qliegħ ieħor dovuti fuq dawk il-kontijiet; jew

b) pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligazzjonijiet li feġġew qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru suġġetti għad-disposizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurta' [...] li ġew implementati [...] permezz tar-Regolament (KE) Nru 337/2000 [...], ir-Regolament (KE) Nru 467/2001 [...] jew dan ir-Regolament.

Bl-istess mod tal-kont li miegħu huma miżjudin, interessi bħal dawn, qliegħ u pagamenti oħra għandhom ikunu wkoll iffriżati."

19 Fit-12 ta' Lulju 2004, il-Kummissjoni adottat ir-Regolament Nru 1277/2004/KE, li emenda għas-sebgħa u tletin darba r-Regolament Nru 881/2002 (ĠU L 241, p. 12).

20 Skond l-Artikolu 1 u l-punt 2 ta' l-Anness tar-Regolament Nru 1277/2004, l-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 ġie emendat biex jinkludi fil-lista ta' "Persuni naturali" l-kliem "Aqeel Abdulaziz Al-Aqil. Data tat-twelid: id-29 ta' April 1949".

21 Skond l-Artikolu 2 tiegħu, ir-Regolament Nru 1277/2004 daħal fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea,* jiġifieri fit-13 ta' Lulju 2004.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

22 B'att notarili tad-19 ta' Diċembru 2000, ġie konkluż kuntratt ta' bejgħ bejn il-bejjiegħa, bħala sħab f'kumpannija taħt id-dritt ċivili, u Salem-Abdul Ghani El-Rafei, Kamal Rafehi u Ageel A. Al-Ageel (iktar 'il quddiem ix-"xerrejja"), ukoll bħala sħab f'kumpannija taħt id-dritt ċivili.

23 Permezz ta' dan il-kuntratt, il-bejjiegħa aċċettaw li jgħaddu b'titolu oneruż lix-xerrejja art mibnija tagħhom li kienet tinsab f'Berlin, għall-ħlas minn dawn ta' l-aħħar ta' prezz ta' bejgħ ta' DEM 2 375 000.

24 Il-kuntratt ta' bejgħ jipprevedi wkoll li l-partijiet jaqblu li jittrasferixxu l-proprjetà ta' l-immobbli lix-xerrejja u li dan it-trasferiment jiġi rreġistrat fir-reġistru ta' l-artijiet ("Grundbuch").

25 Barra minn dan, dan l-istess kuntratt jistipula li l-prezz tal-bejgħ għandu jiġi ddepożitat f'kont favur terzi tan-nutar pubbliku (iktar 'il quddiem in-"nutar"), biex imbagħad jingħata lill-bejjiegħa fil-mument tar-reġistrazzjoni provviżorja tat-trasferiment tal-proprjetà fir-reġistru ta' l-artijiet, sakemm issir ir-reġistrazzjoni definittiva.

26 Fit-8 ta' Marzu 2001, saret ir-reġistrazzjoni b'titolu provviżorju tat-trasferiment tal-proprjetà favur ix-xerrejja fir-reġistru ta' l-artijiet.

27 B'deċiżjoni tad-29 ta' Ottubru 2003 l-Grundbuchamt għat-territorju ta' l-Amtsgericht Lichtenberg ċaħad it-talba għar-reġistrazzjoni definittiva tat-trasferiment tal-proprjetà fir-reġistru ta' l-artijiet, ippreżentata min-nutar fit-22 ta' Jannar 2003, minħabba li ċerti dokumenti, li l-produzzjoni tagħhom intalbet bl-ittra tat-28 ta' Marzu 2003, ma ġewx ippreżentati fit-terminu stabbilit.

28 Fid-9 ta' Diċembru 2004, in-nutar reġa' talab ir-reġistrazzjoni definittiva fir-reġistru ta' l-artijiet għat-trasferiment tal-proprjetà favur ix-xerrej skond l-att notarili tad-19 ta' Diċembru 2000.

29 B'deċiżjoni tal-21 ta' April 2005, il-Grundbuchamt, wara li vverifika li wieħed mill-ismijiet tax-xerrejja kien jidher fil-lista ta' l-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002, irrifjuta li jilqa' din it-talba għar-reġistrazzjoni, fuq il-bażi ta' l-Artikoli 2(3) u 4(1) ta' dan ir-regolament.

30 Fit-3 ta' Mejju 2005, in-nutar ressaq appell kontra din id-deċiżjoni quddiem il-Grundbuchamt, li, b'deċiżjoni tal-11 ta' Mejju 2005, bagħatha *ex officio* lil-Landgericht Berlin, li ċaħditu b'digriet tas-27 ta' Settembru 2005.

31 Fis-7 ta' Ottubru 2005 in-nutar ikkontesta d-digriet tal-Landgericht quddiem il-Kammergericht Berlin.

32 Il-qorti tar-rinviju tqis li l-bejjiegħa jsostnu quddiemha li, l-ewwel nett, l-Artikolu 2 (3), kif ukoll l-Artikolu 4(1) tar-Regolament Nru 881/2002, u b'mod partikolari l-kliem: "jkun [...] disponibbli" u jkunu maħsubin "għall-benefiċċju" tagħhom li jidhru fl-ewwel wieħed minn dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet għandhom jiġu interpretati fis-

sens li jirrigwardaw biss it-tranżazzjonijiet li fihom mhemmx bilanċ ekonomiku bejn il-qadi reċiproku ta' l-obbligi. F'dan il-każ, il-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà ta' l-immobbli li ġie miftiehem bejn il-partijiet jikkostitwixxi somma importanti li barra minn dan diġà tħallset lill-bejjiegħa.

33 Fit-tieni nett, dawn ta' l-aħħar isostnu quddiem il-Kammergericht Berlin, li, fil-każ ta' nullità tal-kuntratt tal-bejgħ, ix-xerrejja għandhom id-dritt għar-restituzzjoni tal-prezz imħallas tal-proprjetà ta' l-immobbli mill-bejjiegħa, jiġifieri li somma ekwivalenti għal dan il-prezz tal-bejgħ titqiegħed għad-dispożizzjoni tax-xerrejja. Issa dan jirriżulta li jmur kontra s-seba' premessa u l-Artikolu 2(1) tar-Regolament Nru 881/2002.

34 Il-qorti tar-rinviju tosserva li, skond id-dritt Ġermaniż, ix-xiri ta' proprjetà ta' immobbli ma jirriżultax direttament mill-konklużjoni ta' att notarili ta' bejgħ bejn bejjiegħ u xerrej, iżda barra minn dan jitlob, sabiex isir effettiv, il-konklużjoni ta' ftehim bejn iż-żewġ partijiet fuq it-trasferiment ta' proprjetà skond l-Artikolu 925 tal-Kodiċi Ċivili (Bürgerliches Gesetzbuch, iktar 'il quddiem il-"BGB") kif ukoll ir-reġistrazzjoni ta' dan it-trasferiment fir-reġistru ta' l-artijiet skond l-Artikolu 873 tal-BGB.

35 Barra minn dan, din il-qorti tirrileva wkoll li, skond id-dritt Ġermaniż, jekk teżisti restrizzjoni għad-dritt li jiddisponi minn merkanzija, hekk kif huwa l-każ fil-kawża prinċipali minħabba l-obbligu ta' ffriżar tal-fondi li sar applikabbli għal wieħed mix-xerrejja, u jekk din ir-restrizzjoni sseħħ wara l-konklużjoni kemm ta' l-att notarili ta' bejgħ kif ukoll tal-ftehim fuq it-trasferiment ta' proprjetà, iżda qabel ir-reġistrazzjoni ta' dan it-trasferiment fir-reġistru ta' l-artijiet, il-Grundbuchamt fil-prinċipju, għandu jeħodha in kunsiderazzjoni.

36 Il-Kammergericht Berlin iżid li l-impediment ġuridiku għar-reġistrazzjoni tat-trasferiment ta' proprjetà fir-reġistru ta' l-artijiet twaqqaf l-eżekuzzjoni tal-kuntratt ta' bejgħ, b'mod li l-bejjiegħa huma, skond l-Artikoli 275 u 323 tal-BGB, mitluba jirrestitwixxu lix-xerrejja l-prezz tal-bejgħ.

37 Madankollu, dan iwassal għall-kwistjoni ta' jekk din ir-restituzzjoni hijiex kompatibbli mal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 881/2002.

38 B'digriet komplementari tat-23 ta' Frar 2006, il-qorti tar-rinviju osservat li ma jirriżultax mill-Artikoli 2(1) sa (3) u 4(1) ta' dan ir-regolament li l-bejjiegħ jista' jiġi ordnat jiddepożita ammont li jikkorrispondi għall-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà kkonċernata, jekk dan il-bejjiegħ stess ma kienx jaf dwar is-sanzjonijiet fir-rigward tax-xerrej fil-mument tal-konklużjoni tal-kuntratt ta' bejgħ jew minn meta rċieva l-ammont tat-tranżazzjoni.

39 Fl-istess digriet, il-qorti tar-rinviju tqis li għad hemm dubji rigward il-kwistjoni jekk, fil-każ ta' numru ta' xerrejja jew, bħal fil-każ prinċipali, l-għaqda tagħhom f'kumpannija tad-dritt ċivili, id-dritt tar-restituzzjoni tal-prezz tal-bejgħ għandux jiġi ffriżat kollu kemm hu jew biss fid-daqs tal-kwota tas-sehem tax-xerrejja milqutin mill-miżuri restrittivi.

40 F'dawn iċ-ċirkustanzi, minħabba li s-soluzzjoni tal-kawża mressqa quddiemu tiddependi fuq l-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 881/2002, il-Kammergericht Berlin iddeċieda li jissospendi l-proċedura quddiemu u li jagħmel is-segwenti domandi għal deċiżjoni preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:

"1) Id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 2(3) u 4(1), tar-Regolament [...] Nru 881/2002 [...] jipprojbixxu l-ftehim għat-trasferiment ta' proprjetà ta' immobbli, fi twettiq ta' kuntratt ta' bejgħ, favur persuna naturali msemmija fl-Anness I tar-regolament imsemmi?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għad-domanda 1: ir-Regolament [...] Nru 881/2002 jipprojbixxi r-reġistrazzjoni fir-reġistru ta' l-artijiet, meħtieġa għat-trasferiment ta' proprjetà ta' l-immobbli, anki fil-każ meta l-kuntratt sottostanti ta' bejgħ ikun ġie konkluż, u l-ftehim għat-trasferiment ta' proprjetà jkun ġie ddikjarat li jorbot lill-partijiet, qabel il-pubblikazzjoni tal-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* tal-miżura restrittiva tad-dritt li tiddisponi, u meta l-prezz tax-xiri li abbażi tal-kuntratt il-persuna naturali msemmija fl-Anness I ta' dan ir-regolament ikollha tħallas bħala xerrejja jkun ġie, qabel id-data tal-pubblikazzjoni

a) iddepożitat fuq kont notarili favur terzi jew

b) imħallas lill-bejjiegħ?"

Fuq id-domandi preliminari

41 Permezz ta' dawn iż-żewġ domandi, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju sostanzjalment tistaqsi jekk l-Artikoli 2(3) u 4(1) tar-Regolament Nru 881/2002 għandhomx jiġu interpretati fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn kemm il-kuntratt ta' bejgħ ta' immobbli kif ukoll il-ftehim fuq it-trasferiment ta' proprjetà ta' dan l-oġġett jiġu konklużi qabel id-data li fiha x-xerrej tiżżel fil-lista li tinsab fl-Anness I ta' dan ir-regolament u fejn il-prezz tal-bejgħ ukoll ikun tħallas qabel din id-data,

dawn id-dispożizzjonijiet jipprojbixxu r-reġistrazzjoni definittiva, għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, tat-trasferiment ta' proprjetà fir-reġistru ta' l-artijiet wara din id-data.

42 L-ewwel nett, għandu jitqies li l-eżami ta' dawn id-domandi għandu jsir biss fid-dawl ta' l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002.

43 Fil-fatt, hekk kif iqis l-Avukat Ġenerali fil-punt 62 tal-konklużjonijiet tiegħu, id-deċiżjoni tar-rinviju ma tinkludi l-ebda indikazzjoni li tippermetti li tinftiehem ir-raġuni għalfejn l-Artikolu 4(1) ta' dan ir-regolament, li jirrigwarda l-ipoteżi ta' ħarba mill-Artikolu 2 tiegħu, jista' jkun rilevanti f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali.

44 Hekk kif il-Kummissjoni qieset, mingħajr ma ġiet ikontestata fuq dan il-punt, iċ-ċirkustanza li x-xerrejja kkonkludew il-kuntratt ta' bejgħ in kwistjoni bħala sħab f'kumpannija taħt id-dritt ċivili ma jagħtix lok għal riskju ta' evażjoni peress li, jekk ir-reġistrazzjoni definittiva tat-trasferiment tal-proprjetà fir-reġistru ta' l-artijiet tintlaqa', l-isem ta' l-imsieħba kollha jidher fiha, inkluż dak tal-persuna mniżżla fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002.

45 F'dan il-każ, tqum essenzjalment il-kwistjoni li jkun magħruf jekk, f'ċirkustanzi bħal dawk tal-kawża prinċipali, ir-reġistrazzjoni definittiva tat-trasferiment ta' proprjetà fir-reġistru ta' l-artijiet timplikax li riżors ekonomiku għandu jkun disponibbli, direttament jew indirettament, għall-persuna naturali jew ġuridika, grupp jew entità

msemmija mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet u mniżżla fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002, biex ikunu jistgħu jiksbu fondi, merkanzija jew servizzi skond l-Artikolu 2 (3) ta' dan ir-regolament.

46 F'dan ir-rigward, l-ewwel nett għandu jiġi kkonstatat li l-assi in kwistjoni fil-kawża prinċipali, jiġifieri immobbli diġà mibni, jikkostitwixxi riżors ekonomiku skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002, b'mod illi dawn l-assi b'mod ċar jaqgħu taħt id-definizzjoni tal-kunċett ta' "riżorsi ekonomiċi", li jinsab fl-Artikolu 1(2) ta' dan ir-Regolament, billi huma assi immobbli tanġibbli li ma jikkostitwixxux fondi, iżda li jista' jiġu użati għal fondi, merkanzija jew servizzi.

47 Jirriżulta mid-deċiżjoni tar-rinviju li wieħed mit-tliet xerrejja huwa persuna naturali mniżżla kemm fil-lista stabbilita mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet kemm f'dik li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002.

48 Għaldaqstant, mhemmx iktar il-bżonn li jkun magħruf jekk ir-reġistrazzjoni definittiva tat-trasferiment ta' proprjetà ta' l-immobbli kkonċernat fir-reġistru ta' l-artijiet jikkostitwixxix att li għandu jiġi kkwalifikat bħala li "jkun disponibbli, direttament jew indirettament" għall-persuna naturali mniżżla fuq dawn il-listi, b'mod li "[j]kun [j]ista' [j]ikseb fondi, merkanzija jew servizzi" skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002.

49 Xejn fil-formulazzjoni ta' din id-dispożizzjoni ma jippermetti s-suppożizzjoni li dan ma jkoprix, hekk kif isostnu l-bejjiegħa, li jinkisbu riżorsi ekonomiċi f'kuntest partikolari bħal dak fil-kawża prinċipali, jiġifieri l-każ ta' tranżazzjoni li fiha bilanċ ekonomiku bejn il-qadi reċiproku ta' l-obbligi.

50 Għall-kuntrarju, il-projbizzjoni f'dan l-Artikolu 2(3) hija fformulata b'mod partikolarment wiesgħa, kif jindika l-użu tal-kliem "direttament jew indirettament".

51 Bl-istess mod, l-espressjoni "għandu jkun disponibbli" għandha tifsira wiesgħa, li m'għandhiex kwalifikazzjoni ġuridika partikolari, iżda tinkludi kull att li t-twettiq tiegħu huwa neċessarju, skond id-dritt nazzjonali applikabbli, sabiex persuna effettivament tikseb il-poter li tiddisponi bis-sħiħ mill-merkanzija kkonċernata.

52 Għandu jiġi kkonstatat li r-reġistrazzjoni definittiva fir-reġistru ta' l-artijiet tat-trasferiment ta' proprjetà ta' immobbli tikkonstitwixxi att bħal dan billi huwa paċifiku li, fid-dritt Ġermaniż, huwa biss wara att bħal dan li x-xerrej għandu mhux biss il-poter li jipoteka, iżda wkoll li jittrasferixxi l-proprjetà immobbli li tkun ġiet ittrasferita lilu.

53 Għaldaqstant, huma preċiżament atti bħal dawn li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002 trid tipprojbixxi, peress li dawn jippermettui lill-persuna mniżżla fil-lista li tinsab fl-Anness I ta' dan ir-Regolament li tikseb fondi, merkanzija jew servizzi.

54 Għandu jingħad ukoll li, għall-interpretazzjoni tar-Regolament Nru 881/2002, għandu jittieħed in kunsiderazzjoni t-test u l-għan tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002) li dan ir-regolament, permezz tar-raba' premessa tiegħu, jimplementa (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi tat-30 ta' Lulju 1996, Bosphorus, C-84/95, Ġabra p. I-3953, punti 13 u 14, kif ukoll tad-9 ta' Marzu 2006, Aulinger, C-371/03, Ġabra p. I-2207, punt 30).

55 Skond il-paragrafu 2(a) tar-Riżoluzzjoni 1390 (2002), l-Istati għandhom "[jassiguraw] li la dawn il-fondi u lanqas fondi [oħrajn ta' persuni, gruppi, impriżi u entitajiet oħrajn assoċjati magħhom li jirriżultaw inklużi fil-lista stabbilita skond ir-Riżoluzzjonijiet Nri 1267 (1999) u 1333 (2000)], attivitajiet finanzjarji jew riżorsi ekonomiċi [...] ma jsirux disponibbli, direttament jew indirettament, b'vantaġġ għal dawn l-individwi miċ-ċittadini tagħhom jew minn kull persuna oħra li tinsab fit-territorju tagħhom".

56 Il-formulazzjoni wiesgħa u mhux ekwivoka ta' din id-dispożizzjoni tikkonferma li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002 japplika għal kull tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsa ekonomika u għaldaqstant ukoll għal att, bħal dak fil-kawża prinċipali, li ġej mit-twettiq ta' kuntratt sinallagmatiku u li kien permess għall-ħlas ta' korrispettiv ekonomiku.

57 Fl-aħħar nett, mhuwiex ikkontestat li l-applikazzjoni, fil-kawża prinċipali, tal-projbizzjoni fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002, safejn tolqot persuna meqjusa li hija assoċjata ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Talibani, li tipparteċipa fil-finanzjament ta' attivitajiet terroristiċi, li anki torganizza, tiffaċilita, tipprepara, twettaq jew tagħti s-sostenn tagħha, taqa' fil-kuntest ta' l-għan tas-sanzjonijiet li tipprevedi r-Riżoluzzjoni 1390 (2002), hekk kif jirriżulta b'mod partikolari mit-tielet u d-disa' subparagrafi tal-preambolu tiegħu, kif ukoll mill-paragrafu 4 tiegħu, li l-għan tagħha huwa li tiġġieled u teqred it-terroriżmu internazzjonali, b'mod partikolari billi taqta' n-netwerks internazzjonali tat-terroriżmu mis-sorsi finanzjarji tagħhom.

58 Għaldaqstant, hekk kif sostna ġustament il-Gvern Ġermaniż, jekk it-teżi sostnuta mill-bejjiegħa kellha tiġi aċċettata, hija jkollha tistabbilixxi, f'kull każ, jekk hemmx fil-fatt bilanċ ekonomiku bejn l-obbligi miftiehma, u dan iġib miegħu riskju veru ta' evażjoni minn din il-projbizzjoni filwaqt li l-Istati Membri jitqiegħdu quddiem problema delikata ta' implementazzjoni.

59 Hekk kif dan l-istess gvern isostni, anki jekk għandu jeżisti bilanċ ekonomiku bħal dan fil-kawża prinċipali, ma jistax jiġi eskluż li l-assi miksuba minn persuna mniżżla fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 tagħti possibbilitajiet aħjar ta' valutazzjoni, per eżempju konverżjoni iktar faċli, bħal, kif qies l-Avukat Ġenerali fil-punt 72 tal-konklużjonijiet tiegħu, il-possibbiltà li jinkisbu, b'att ieħor ta' trasferiment ta' l-oġġett, somom ikbar minn dawk minfuqa fl-eżekuzzjoni tax-xiri taegħu.

60 Għandu jiġi konkluż minn dak kollu li jintqal iktar 'il fuq li att bħar-reġistrazzjoni definittiva tat-trasferiment ta' proprjetà immobbli fir-reġistru ta' l-artijiet huwa pprojbit skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002, u għaldaqstant jimplika, jekk dan jiġi aċċettat, li riżorsa ekonomika titqiegħed għad-dispożizzjoni ta' persuna mniżżla fil-lista fl-Anness I ta' dan ir-Regolament, li jippermetti lil din ta' l-aħħar tikseb fondi, merkanzija jew servizzi.

61 L-ewwel nett, din il-konklużjoni mhijiex ikkontestata mill-fatt li, fil-kawża prinċipali, numru ta' elementi dwar it-tranżazzjoni ta' immobbli li huma neċessarji, skond id-dritt Ġermaniż applikabbli, għat-trasferiment tad-dritt ta' proprjetà ta' immobbli, b'mod partikolari l-konklużjoni kemm tal-kuntratt ta' bejgħ kemm tal-ftehim fuq it-trasferiment ta' proprjetà, kif ukoll tal-ħlas tal-prezz tal-bejgħ, diġà kienu seħħu qabel ma din il-projbizzjoni kienet saret applikabbli fir-rigward ta' wieħed mix-xerrejja wara t-tniżżil tiegħu f'din il-lista.

62 Fil-fatt, l-Artikolu 9 tar-Regolament Nru 881/2002 għandu jinftiehem fis-sens li l-miżuri li dan ir-regolament jimponi, li fosthom hemm l-iffriżar tar-riżorsi

ekonomiċi, jipprojbixxu wkoll li jitwettqu atti ta' eżekuzzjoni ta' kuntratti konklużi qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-regolament, bħar-reġistrazzjoni definittiva tat-trasferiment tal-proprjetà immobbli fir-reġistru ta' l-artijiet.

63 Hekk kif qies l-Avukat Ġenerali fil-punt 78 tal-konklużjonijiet tiegħu, applikazzjoni b'effett immedjat bħal dan ta' dawn il-miżuri huwa barra minn hekk koerenti ma' l-għan imfittex mir-Regolament Nru 881/2002, jiġifieri li jiġu esklużi minnufih il-persuni assoċjati ma' Usama bin Laden, fin-netwerk ta' Al-Qaida u t-Talibani, mid-disponibbiltà minn kull riżorsa finanzjarja u ekonomika biex jiġi evitat il-finanzjament ta' attivitajiet terroristiċi, għan li jiġi mfittex b'anqas effikaċja jekk dawn il-persuni jitħallew jikkonkludu tranżazzjonijiet iffinalizzati qabel ma jkunu ddaħħlu fil-lista ta' l-Anness I.

64 L-applikazzjoni mill-ewwel tad-dispożizzjonijiet tar-Regolament Nru 881/2002 hija għaldaqstant ikkorroborata miċ-ċirkustanza li r-regoli Komunitarji m'għandhom l-ebda eċċezzjoni li tippermetti, wara d-data tad-dħul fis-seħħ tagħha, li jitwettaq att ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt, konklużqabel din id-data, hekk kif fil-kawża prinċipali, bħar-reġistrazzjoni definittiva tat-trasferiment tal-proprjetà immobbli fir-reġistru ta' l-artijiet, att li, hekk diġà intqal qabel, jimplika t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-proprjetà kkonċernata skond l-Artikolu 2(3) ta' dan l-istess Regolament.

65 F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-Artikolu 2a(4)(b) tar-Regolament Nru 881/2002, li jsegwi kelma b'kelma l-kontenut tal-paragrafu 2 tar-Riżoluzzjoni 1452 (2002), jipprovdi eċċezzjoni għall-projbizzjoni, prevista fl-Artikolu 2(2) ta' dan l-istess regolament, għal dak li jikkonċerna ż-żieda mal-kontijiet iffriżati ta' pagamenti dovuti taħt kuntratti, ftehim jew obbligazzjonijiet li feġġew qabel id-data li fiha dawk il-kontijiet saru suġġetti għad-dispożizzjonijiet tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà, implementati, b'mod partikolari, mir-regolament fuq imsemmi, ta'

pagamenti li huma wkoll għandhom ikunu ffriżati, bħal kif huwa l-kont li magħhom huma miżjuda.

66 Madankollu, eċċezzjoni bħal din mhijiex prevista fir-regoli Komunitarji għal dak li jirrigwarda l-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002 dwar it-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' riżorsi ekonomiċi bħal dawk fil-kawża prinċipali. Wara kollox, din l-eċċezzjoni l-anqas ma tinsab fir-Riżoluzzjonijiet rilevanti tal-Kunsill tas-Sigurtà.

67 Lanqas il-konklużjoni li tirrigwarda l-applikabbiltà, f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali, tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002, ma hija kkontestata minħabba fid-diffikultajiet li għalihom jagħti lok, skond il-qorti tar-rinviju, il-fatt li ma jistgħux jipproċedu għar-reġistrazzjoni definittiva tat-trasferiment tal-proprjetà immobbli fir-reġistru ta' l-artijiet.

68 Hekk kif qieset il-qorti tar-rinviju, jirriżulta mid-dritt nazzjonali applikabbli, li, billi n-nuqqas ta' din ir-reġistrazzjoni tipprekludi t-twettiq tal-kuntratt ta' bejgħ, il-bejjiegħa huma mitluba jirrestitwixxu lix-xerrejja l-prezz tal-bejgħ tal-proprjetà immobbli minnhom mixtrija. Madankollu dan iqajjem il-kwistjoni tal-kompatibbiltà ta' din ir-restituzzjoni mal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament Nru 881/2002.

69 F'dan ir-rigward, għandu jiġi indikat li, jekk ikun hemm diffikultà bħal din, billi din tirriżulta mill-konsegwenzi li jirriżultaw, fir-rigward tad-dritt nazzjonali, mill-applikazzjoni ta' l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002, dan fl-ebda każ ma

jkollu rilevanza fuq ir-risposta li għandha tingħata dwar jekk, fid-dritt Komunitarju, il-projbizzjoni li timponi din id-dispożizzjoni tapplika f'każ bħal dak fil-kawża prinċipali.

70 F'kull każ, ir-restituzzjoni prevista fid-dritt nazzjonali tal-prezz tal-bejgħ ta' dan l-immobbli jidher li huwa permess mill-Artikolu 2a(4)(b) tar-Regolament Nru 881/2002. Din id-dispożizzjoni tipprevedi fil-fatt eċċezzjoni għall-projbizzjoni imposta mill-Artikolu 2(2) ta' dan l-istess regolament, sakemm il-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni ta' din l-eċċezzjoni jiġu sodisfatti, li fosthom hemm l-iffriżar tal-fondi rrestitwiti.

71 Barra minn dan, għal dak li jirrigwarda l-kwistjoni jekk, fil-każ ta' numru ta' xerrejja u, b'mod partikolari, l-għaqda tagħhom f'kumpannija tad-dritt ċivili, ir-restituzzjoni tal-prezz tal-bejgħ ta' l-immobbli kkonċernat għandux jiġi ffriżat kollu kemm hu jew biss fid-daqs tal-kwota tas-sehem tax-xerrejja milqutin mill-miżuri restrittivi, għandu jiġi kkonstatat li dan jirrigwarda wkoll kwistjoni ta' implementazzjoni, fir-rigward tad-dritt nazzjonali, tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002.

72 Hekk kif diġà ġie deċiż fil-punt 69 ta' din is-sentenza, kwistjoni bħal din, li tirrigwarda l-portata tar-regoli tad-dritt nazzjonali dwar il-konsegwenzi marbuta ma' l-applikazzjoni ta' din il-projbizzjoni, m'għandhiex rilevanza fuq l-interpretazzjoni li għandha tingħata mill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan l-Artikolu 2(3).

73 Fuq dan il-punt, għandu jitqies li, skond l-Artikolu 8 tar-Regolament Nru 881/2002, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinformaw lil xulxin, b'mod partikolari, dwar il-problemi ta' implementazzjoni ta' dan ir-regolament.

74 Fl-aħħar nett, il-bejjiegħa u n-nutar qiesu, matul is-seduta, li l-applikazzjoni, fil-kawża quddiem il-qorti tar-rinviju, tal-projbizzjoni prevista fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002 hija inkompatibbli mad-dritt fundamentali tas-sidien li jiddisponu mill-proprjetà tagħhom.

75 F'dan ir-rigward, għandu jiġu kkonstatat li dan mhuwiex, f'dan il-każ, ksur allegatament sproporzjonat tad-dritt ta' proprjetà ta' persuna mniżżla fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002 minħabba fl-impożizzjoni minn dan ir-regolament ta' miżuri restrittivi fir-rigward ta' persuna bħal din.

76 L-allegat ksur tad-dritt ta' proprjetà jirrigwarda effetti indiretti fuq id-dritt ta' proprjetà ta' persuni oħra li huma mniżżla fuq din il-lista mill-obbligu ta' restituzzjoni li jirriżulta, hekk kif ikun il-każ, skond id-dritt nazzjonali applikabbli, mill-impossibbiltà milli jipproċedu għar-reġistrazzjoni definittiva tat-trasferiment ta' proprjetà immobbli fir-reġistru ta' l-artijiet skond l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002.

77 Għaldaqstant, il-kwistjoni li jkun magħruf jekk, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-kawża prinċipali, dan l-obbligu ta' restituzzjoni jikkostitwixxix ksur allegatament sproporzjonat tad-dritt ta' proprjetà mhuwiex ser ikollu effett fuq l-applikabbiltà ta' l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002 f'sitwazzjoni bħal dik fil-kawża prinċipali. Jirriżulta minn hekk li din il-kwistjoni taqa' taħt id-dritt nazzjonali u li mhemmx lok li din tiġi eżaminata fil-kuntest ta' din it-talba għal deċiżjoni preliminari.

78 Madankollu, fir-rigward ta' l-applikazzjoni tar-Regolament Nru 881/2002, għandu barra minn dan jiġi mfakkar li, kif jirriżulta minn ġurisprudenza stabbilita, l-eżiġenzi li jirriżultaw mill-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali rrikonoxxuti fis-sistema

ġuridika Komunitarja, jorbtu lill-Istati Membri wkoll meta jimplementaw il-leġiżlazzjoni Komunitarja u li, għaldaqstant, dawn huma obbligati, safejn huwa possibbli, japplikaw din il-leġiżlazzjoni b'mod li ma jiksrux l-imsemmija eżiġenzi (ara, b'mod partikolari, is-sentenza ta' l-10 ta' Lulju 2003, Booker Aquaculture u Hydro Seafood, C-20/00 u C-64/00, Ġabra p. I-7411, punt 88 u l-ġurisprudenza ċċitata).

79 Għaldaqstant, hija l-qorti tar-rinviju li għandha teżamina jekk, fid-dawl tal-partikolaritajiet tal-kawża prinċipali, restitizuzzjoni eventwali tas-somom li l-bejjiegħa rċevew tikkostitwixxix ksur sproporzjonat għad-dritt ta' proprjetà ta' dawn ta' l-aħħar u, jekk dan huwa l-każ, li tagħmel użu mil-liġi nazzjonali applikabbli, safejn dan huwa possibbli, b'rispett ta' l-eżiġenzi tad-dritt Komunitarju.

80 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, hemm lok li jiġu mwieġba d-domandi magħmula li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 881/2002 għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn kemm il-kuntratt ta' bejgħ ta' immobbli kif ukoll il-ftehim fuq it-trasferiment tal-proprjetà ta' dan l-oġġett ġew konklużi qabel id-data li fiha x-xerrej tniżżel fil-lista li tinsab fl-Anness I ta' dan ir-regolament u fejn il-prezz tal-bejgħ ukoll tħallas qabel din id-data, din id-dispożizzjoni tipprojbixxi r-reġistrazzjoni definittiva, għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, tat-trasferiment ta' proprjetà fir-reġistru ta' l-artijiet wara din id-data.

Fuq l-ispejjeż

81 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni ta' l-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk ta' l-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) taqta' u tiddeċiedi:

L-Artikolu 2(3) tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002, tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-network ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 467/2001, li jipprojbixxi l-esportazzjoni ta' ċerta merkanzija u servizzi lejn l-Afganistan, waqt li jsaħħaħ il-projbizzjoni ta' titjiriet u jestendi l-friża fuq fondi u riżorsi finanzjarji oħra rigward it-Taliban ta' l-Afganistan, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 561/2003, tas-27 ta' Marzu 2003, għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'sitwazzjoni fejn kemm il-kuntratt ta' bejgħ ta' immobbli kif ukoll il-ftehim fuq it-trasferiment tal-proprjetà ta' dan l-oġġett ikunu ġew konklużi qabel id-data li fiha x-xerrej tniżżel fil-lista li tinsab fl-Anness I tar-Regolament Nru 881/2002, kif emendat bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 561/2003, u fejn il-prezz tal-bejgħ ikun ukoll tħallas qabel din id-data, din id-dispożizzjoni tipprojbixxi r-reġistrazzjoni definittiva, għall-eżekuzzjoni ta' dan il-kuntratt, tat-trasferiment tal-proprjetà fir-reġistru ta' l-artijiet wara din id-data.

Firem